MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2011

Numru 299/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR ROBERT VELLA**
**SPETTUR RAMON MERCIECA**
**VS**
**TERENCE AGIUS**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Terence Agius ta' 41 sena, bin Alfred u Ethel nee` Edwards, imwieled il-Pieta` nhar-il 15 ta' Ottubru 1969 u residenti fil-fond numru 31, Flat 18, Triq l-Iljun, Floriana u dententur tal-karta tal-identita` bin-numru 442669(M).

Illi huwa akkuzat talli nhar it-12 ta' Frar 2011 ghall-habta ta' 18.10hrs hewwa l-Parking Area ta' l-Istadium Nazzjonali li jinsab gewwa Ta' Qali limit ta' Attard:

1. Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq-il persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb l i jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz. **Kap 9 Art. 96.**

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti. **Kap 9 Art. 96.**

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bi vjolenza jew b'theddid gieghel ufficjali pubblici li ghamlu jew ma ghamlux xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom, **Kap 9 Art 91.**

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin, cirkostanzi, ma obdiex l-ordinijiet legittimi tal-Pulizija jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu ghamlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet bili ma halliex lill-membri tal-Korp tal-Pulizija ghamlu dak li b'ligi kinu ordnati li ghamlu u billi hassar jew gab fix-xejn dak li l-membri tal-Korp tal-Pulizija kienu ghamlu. **Kap 9 Art. 338 (ee).**

5. U aktar tallik fl-istess lok, data, hin u taht l-istess cirkostanzi kiser il-kwiet u l-buon ordni pubblika b'ghajjat u glied. **Kap 9 Art. 338 (dd).**

6. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi gab ruhu b'mod abuzziv. **S.L 10.33 (7).**

7. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem indecenti u oxxen li jikkonsisti f'dagha jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew b'xi mod iehor offenda il-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika. **Kap 9 Art. 338 (bb).**

8. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi ghamel lili haddiehor ingurji jew theddid mhux imsemmija

band'ohra f'dan il-kodici, jew jekk kein ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti. **<u>Kap 9 Art. 339 (e).</u>**

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabblita` skond il-ligi, tordna illi l-imsemmija mputati ma jattendux fi 'grounds ta' sports' ghall-dak il-perjodu ta' zmien li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (a fol. 4 ) u dak ta' l-imputat (a fol. 3 ) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat fil-verbal datat 14 ta' Frar 2011;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat **Terence Agius** hati skond l-akkuza bit-tielet (3), ir-raba (4), l-hames (5), is-seba' (7) u t-tmien (8) akkuza assorbita fl-ewwel (1), it-tieni (2) u s-sitt (6) akkuza u wara li rat l-Artikoli 95, 96 u 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, *Subsidiary Legislation* SL10.33(7), **tikkundanna lill-imputat ghal sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn u tipprojbih milli jidhol go *sports ground*, kemm f'Malta kif ukoll f'Ghawdex, ghal perijodu ta' sena mid-data tal-lum.**

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni d-diversi skontri aggressivi li l-imputat

kellu mal-Pulizija, precizament waqt loghob tal-*football* f'dawn il-gzejjer.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------